Minuti tad-49 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 25 ta' Mejju, 2016.
Il-laqgha nbdiet hin 2.00pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Shirley Ann Cecchini<br>Anthony Camilleri |

**Ufficjali:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

L-Ambaxxatur V16 ma setghetx tattendi minhabba skola.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tat-48 laqgha tal-Kunsill**

1.1 Il-Minuti tat-48 laqgha tal-Kunsill gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Laqgha mall-WasteServ**

2.1 Dan il-punt fuq l-agenda ser jigi diskuss aktar 'il quddiem peress li min-naha tal-WasteServ kien ghadhom ma waslux.

2.2 Sadanittant is-Sindku inorma lill-Kunsill li kellu talba minghand il-President tal-Kunsill Skolastiku sabiex jigu akkwistati togi li jintuzaw mit-tfal tal-Kinder ghal Year 1 u minn Year 6 ghal Form 1. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jaghti l-ghajnuna tieghu sabiex dawn ikunu jistghu jigu akkwistati.

**3.0 Festa 2016**

3.1 Gie spjegat li s-segretarju tal-Kumitat Festi Esterni bghat nota u qed jitlob ghan-*no objection* tal-festa pero' gie mitlub jibghat aktar dettalji peress li l-email li kienet intbghatet ma kienetx tinkludi kollox. Il-Kunsill qabel li wara li jaslu d-dettalji kollha ghandha tinhareg in-*no objection*.

3.2 Is-Sindku spjega li l-Kuntrattur Salvu Cilja li s-soltu jahdem is-servizz tat-tindif matul il-festa kien ghadu ma tax konferma peress li kellu xi problemi. Jekk mhux ha jirnexxilu li jaghmel dan is-servizz irid jinstab kuntrattur iehor ghal dan is-servizz.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

3.3 Gie spjegat li saru t-toqob fiz-zona tal-*wilga* u l-kont taghhom kien jammonta ghal €1716.90. Il-Kunsill approva dan il-pagament.

3.4 Kienet diskussa il-procedura tas-soltu li Triq il-Knisja minn fejn Triq il-Vizitazzjoni kienet ser issir *one way* minhabba l-armar tal-festa. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.5 Gie spjegat li s-Sur Michael Bajada kien qieghed jahdem fuq l-Infiorata. Fir-rigward tar-ritratt tat-tifla tal-familja Stellini, dawn gew avvicinati fejn huma urew ix-xewqa li ma ikunx installat ritratt taghha imma jkun hemm forma ta' rose li kienet il-fjura favorita taghha. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

**4.0 Progetti u Xogholijiet**

4.1 Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-Progett tal-Ground li gie diskuss waqt l-ahhar laqgha dan ser jigi jiswa madwar €600,000.00 skond l-istima tal-Perit. Is-Sibt li gej kienu ser jigu mill-agenzija li hija interessata f'dan il-progett sabiex izur il-post u tiddiskuti biex tkun tista' tikkonsidra l-affarijiet.

4.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sur Jacob Muscat kien qed jitlob li titranga l-bankina tal-propjeta' tieghu fi Triq Trux. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir ix-xoghol mehtieg sa kemm ma tkunx ta' ostaklu ghat-traffiku.

4.3 Gie spjegat ukoll li kienet qed issir talba sabiex hajt imwaqqa' fejn il-kamra tan-Nar fi Triq Trux jerga' jinbena. Il-Kunsill qabel li ghadha ssir talba lill-Public Works sabiex isir ix-xoghol mehtieg u f'kaz li dawn ma jaccettawx minhabba l-kamra tan-Nar issir mill-haddiema tal-Kunsill.

4.4 Il-Kunsill gie infurmat ukoll li zewg sqaqien wiehed l-isqaq ta' fejn il-kazin tal-banda, it-tieni sqaq fi Triq Frangisk Portelli kienu ser isiru min-naha tal-Public Works. Il-Kunsill ser jhammel il-wicc u l-bqija ser isir mill-haddiema tal-Gvern f'hdan ic-CMU.

2.09pm Emanuel Muscat dahal ghal-laqgha

4.5 Il-Kunsillier Anthony Camilleri staqsa, jekk ix-xogholijiet tal-ground isiru minn l-agenzija l-ground ma jibqax tal-Kunsill u anke bhala GFA u club ser inkunu jistghu juzawh. Gie spjegat li fuq din iz-zona hemm esistenti devoluzzjoni u qed tintalab devoluzzjoni tal-kumplament u minhabba dan m'hemmx problemi li l-Kunsill jitlef il-ground. Fil-kaz tat-training, ser ikun hemm time-tables bil-hinijiet stipulati u dawn ser ikunu maqbula u rispettati bejn il-partijiet koncernati kollha.

4.6 Il-Kunsilliera inghataw kopja ta' *draft* ta' l-istatut tal-Ghaqdiet Lokali l-Gharb. Gie spjegat li sabiex titwaqqaf din l-Ghaqda trid issir laqgha generali fejn jinhatru l-membri. Il-Kunsill qabel li membru minn din l-Ghaqda irid ikun membru tal-Kunsill preferibiliment segretarju.

Is-Sindku talab lill-Kunilliera sabiex jekk xi hadd minnhom ghandu xi suggerimenti dwar id-draft ghandu jibghat email lis-Segretarju Ezekuttiv. Emanuel Muscat qal li l-Ghaqda ta' l-Infiorata m'ghandiex tkun parti minn dan ghax jekk tkun imexxija mill-Knisja, bhala ligi tal-Knisja din tigi taghhom. Gie spjegat li bhala knisja ma tistax ikollha NGO. Il-Kunsill gie infurmat ukoll li diga hemm invit sabiex il-Kunsill itella' Infiorata waqt l-attivitajiet tal-ftuh tac-Citadella.

4.7 Is-Sindku spjega li bhala Kunsill irridu iwaqqfu fundazzjoni / grupp ta' l-Infiorata sabiex tkun tista' tidhol membru fl-assocjazzjoni internazzjonali ta' l-Infiorata. Huwa kompla jispjega li din l-Assocjazzjoni diga sar kuntatt maghha waqt il-kungress li sar gewwa Noto. Min-naha taghhom dawn kienu diga stiednu lill-Kunsill sabiex jippartecipa ghall-kungress nazzjonali i ser isir fl-2018. Dan is-suggett irid jigi diskuss aktar 'il quddiem meta l-Kunsill jinghata aktar dettalji. Il-Kunsill qabel li ghandu jidhol membru ta' din l-Assocjazzjoni.

2.21pm Lura ghall-punt numru 1 ta' l-Agenda – Laqgha mall-WasteServ.

Dahlu ghal-laqgha ufficjali min-naha tal-WasteServ sabiex jigi jaghtu spjegazzjoni tal-kampanja li ser tigi imedija fix-xhur li gejjin.

Gie spjegat li fix-xhur li gejjin ser titnieda kampanja dwar is-separazzjoni ta' gbir ta' skart fejn ser tigi introdotta l-borza ghall-gbir ta' skart organiku. Dan il-progett kien diga tnieda d'diversi lokalitajiet gewwa Malta fix-xhur precedenti u issa ser jitnieda gewwa l-14 'il Kunsill ta' Ghawdex. Il-progett ser jidhol fis-sehh f'Ghawdex fit-30 ta' Settembru li gej sabiex fix-xhur li gejjin ikun hemm zmien bizzejjed sabiex isir il-kampanja u n-nies jigu infurmati dwar kif ser isir il-gbir u possibilment bl-inqas inkonvejenzi possibli. Ufficjali min-naha tal-WasteServ ser ikunu qed iduru bieb bieb fejn jaghtu taghrif mehtieg lir-residenti u fl-istess waqt iqassmu boroz bojod ghall-gbir ta' skart organiku u bin apposta ghalih.

Gie spjegat ukoll li min-naha tal-Gvern Centrali ser jinghataw fondi sabiex nhar ta' Tnejn jew f'gurnata li jiddeciedi l-Kunsill pero' ta' darba fil-gimgha isir gbir ta' skart organiku.

Is-Sindku spjega kif qieghed jingabar l-iskart fil-prezent u spjega ukoll li l-Kunsill huwa favur ta' gbir ta' skart organiku tant li fil-fatt is-sena l-ohra kien diga beda diskussjonijiet sabiex isir il-gbir pero' l-Kunsill gie imwaqqaf mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali milli ikompli bil-kampanja.

L-ufficjali tal-WasteServ spjega li ghall-ahhar ta' Gunju bidu ta' Lulju il-Ministru ser ikun qed jaghmel press conference sabiex jintroduci din il-kampanja gewwa Ghawdex u wara tibda' l-kampanja bieb bieb.

Il-Kunsill gie moghti ukoll sample tal-flyer li kienet giet ippublikata fil-kampanja li tneddiet Malta fejn hemm innizzel f'jista' jintrema fil-borza organika.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Bhala borza sewda jibqa' jintrema skart iehor li ma jidholx la fil-bajda u lanqas fil-griza bhal ma huma nappies u materjal iehor simili.
Is-Sindku spjega li bhala lokalita' niltaqghu ma' problemi minhabba li hawn numru konsiderevoli ta' appartamenti, farmhouses u postijiet ohra ta' akkomodazzjoni li joholqu problema fejn jidhol l-iskart ghar-raguni li dawn johorgu l-borza f'hinijiet meta ma jkunx hemm gbir.

Inghataw suggerimenti min-naha tal-WasteServ dwar il-granet tal-gbir kif jistghu jsiru dwar meta jista' jingabar l-iskar organiku, skart ghar-reciklagg u borza s-sewda.

Il-Kunsill wara irid jiddiskuti u jaghti risposta lill-WasteServ dwar il-granet tal-gbir kif ser ikunu.

Gie spjegat ukoll li f'Ottubru ser ikun hemm xi training u ser jittiehdu kampjuni u jaraw x'hemm bzonn li jsir sabiex jitjieb is-servizz tal-gbir. L-informazzjoni migbura ser twassal ukoll ghal premijiet.
Meta tigi introdotta l-kampanja ser ikunu qed iduru bieb bieb fejn jekk jinnotaw borza sewda li inharget f'gurnata li mhix gurnata tal-gbir ser titwahhal *sticker* maghha biex tindika lir-resident/a li l-borza ma ingabritx ghal dik ir-raguni. Fil-kaz tal-borza l-griza jekk jintefa' xi skart li mhux suppost ser tehel sticker li tindika ghaliex ma ingabritx u x'kien hemm hazin fil-borza.

3.02pm Giet iffinalizzata l-laqgha ma' l-ufficjali tal-Wasteserv fejn dawn irringrazzjaw lill-Kunsill u hargu mill-kamra.

Is-Sindku qal li f'dan ir-rigward il-Kunsill irid jiddeciedi l-granet tal-gbir. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li nhar ta' Tnejn, Erbgha u Gimgha tingabar l-borza ta' l-iskart organiku. Nhar ta' Tlieta tingabar il-borza s-sewda u nhar ta' hamis tingabar il-borza l-griza. Peress li fil-kuntratt tal-gbir hemm fih ukoll il-Kunsilli ta' San Lawrenz u l-Ghasri trid qabel xejn issir laqgha maghhom biex jigi diskuss dan is-suggett.

## 5.0 Applikazzjonijiet ghall-progetti minn fondi Ewropej

5.1 Il-Kunsill gie infurmat li fil-prezent l-agenzija MEUSAC kienet qed tassisti lill-Kunsill fil-kumpilazzjoni ta' applikazzjonijiet ghall-fondi ewropej sabiex jitrangaw tlett widien li huma l-Wied tal-Wieri, Wied ta' Gulja u Wied ir-Raghab. Din l-applikazzjoni ser tinkludi tindif u ser tigi kkrejata country walk. Fl-istess waqt ser isir ukoll studju tal-culverts li hawn madwar il-lokalita'. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi bl-applikazzjoni bit-tenattiv li jikseb fondi.

## 6.0 L-Iskola Primarja Karmni Grima u l-futur taghha

6.1 Is-Sindku spjega li dan il-punt tnizzel fuq l-agenda ghar-raguni li issa li s-sena skolastika waslet fl-ahhar taghha kulhadd huwa konxju li matul din is-sena kien hemm xi tip ta' problemi. Huwa kompla jispjega li bhala Sindku kien infurmat u ilu

involut sabiex tirrisolva s-sitwazzjoni sa minn Frar li ghadda u dan wara li kien avvicinat minn xi *parents* bit-tfal taghhom fil-hames klassi. Is-Sindku kompla li ghalkemm l-iskola ma taqax taht r-responsabilita' tal-Kunsill Lokali pero' xorta ghandu jiehu interess u jara li l-iskola tibqa' tgawdi minn reputazzjoni tajba kif dejjem kellha, livel ta' taghlim gholi fejn l-istudenti kienu dejjem minn ta' quddiem fir-rizultati.

Is-Sindku qal li huwa kellu korrispondenza anke mall-Ministru ta' l-Edukazzjoni sabiex tkun salvagwardjata t-trankwillita' u l-gid tal-istudenti u l-genituri taghhom u tal-ghalliema fl-iskola kif ukoll l-isem prestigjuz li tgawdi l-istess skola. Is-Sindku qal li fil-korrispondenza li ircieva kien imwieghed li l-kaz kien ser ikun investigat mid-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi kif fil-verita' gara. Is-Sindku stqarr li ghandu fiducja kbira fil-kelma tal-Ministru u ta' min jirraprezentah.

Is-Sindku qal li fil-jiem li ghaddew s-surmast s-Sur Saviour Tabone m'ghadux jirraporta l-iskola tal-Gharb.

Emanuel Muscat qal li ghada l-Hamis hemm laqgha gewwa l-iskola fejn gew mistiedna l-genituri ta' l-istudenti tal-Year 5 u kompla jghid li tajjeb li l-Kunsill jattendi ghal din il-laqgha. Is-Sindku qal li bhala Kunsill ma giex mistieden u ghaldaqstant ma jkunx opportun li nattendu ghaliha.

Anthony Camilleri qal li kif jidher din il-problema inholqot minhabba student partikolari. Is-Sindku qal li it-tfal kollha huma xi ftit jew wisq imqarbin u forsi xi uhud xi ftit aktar. Dan ma jfissirx li t-tfal ma ghandhomx jattendu l-iskola ghax imqarbin u huwa kompitu tal-ghalliema li jindirizzaw u jikkontrollaw l-klassi u jizguraw li t-taghlim jinghata b'dedikazzjoni f'ambjent sigur mill-ghalliema li huma professjonali.

Emanuel Muscat qal li huwa dejjem ra ghajnuna min-naha tas-Surmast u spjega li l-laqgha ta' ghada kienet tirrigwardja l-'inclusion'. Huwa zied jghid li minhabba dan l-istudent t-tifel tieghu spicca darbtejn l-isptar u ta' dan huwa ghandu ukoll certifikati medici. Emanuel Muscat qal li sa ftit granet ilu dan l-istudent kien kalm u s-sitwazzjoni kienet tidher li marret ghal ahjar pero' kien rega' inqalla xi incident iehor.

Huwa kompla jghid li aktar kmieni din is-sena kienet saret board ta' inkjesta. Is-Sindku qal li huwa ukoll kien imsejjah pero' ma kienx infurmat dwar l-*outcome* ta' dan il-board. Emanuel Muscat qal li huwa ma jafx x'gara mis-Surmast u intqalu hafna affarijiet pero' ma jafx ghaliex. Is-Sindku zied jghid li meta sar jaf li kien hemm sitwazzjoni u problemi gewwa l-iskola xtaq li jsejjah laqgha mall-genituri u jiddiskuti aktar maghhom pero' kien suggerit li ma tinzamx din l-laqgha. Emanuel Muscat qal li huwa kellu kemm il-laqgha dwar din is-sitwazzjoni anke ma *social workers* u l-problema ohra hija li t-tfal baqghu lura u lanqas lahqu mas-*syllabus* tas-sena. Huwa zied jghid li din hija problema ghax issa ma jafx x'ser jigri.

Shirley-Anne Cecchini staqsiet jekk dawn it-tfal gewx xi darba imkeccija mill-iskola fejn Emanuel Muscat qal li le dawn qatt ma gew imkeccija pero' kien hemm darba li bhala protesta t-tfal ma baghtuhomx l-iskola.

Il-Vici Sindku qalet li darba minnhom kienet semghet fuq ir-Radju li kienet ser issir laqgha l-NGO Centre x-Xewkija minhabba tfal li jkunu imqarbin u kienet fil-fatt cemplet l-iskola u infurmat lis-Surmast.

Emanuel Muscat qal li s-Surmast kien jipprova jiehu hsieb u jaghmel minn kollox ma' dan l-istudent sabiex dan ikun jgib ruhu sewwa. Huwa zied jghid li s-sitwazzjoni ta' din is-sena kienet wahda inkredibbli fejn it-tifel tieghu ried imur l-iskola u fl-istess waqt ma riedx imur. Huwa zied jghid li dan l-istudent kien qabad b'mod partikolari mat-tifel tieghu u ma' student iehor fil-klassi fejn dawn fil-bidu tas-sena skolastika kienu kollha hbieb.

Is-Sindku staqsa lil Emanuel Muscat x'kien qed jghid il-principal lill-genituri. Huwa spjega li sa fejn jaf hu kellu jkun hemm strategija pero' qatt ma kellu xi tip ta'

risposta dwar dak li qed jigri. Zied jghid li l-interess tieghu mhux li jitkecca xi hadd imma s-sigurta' tat-tifel.

Emanuel Muscat qal li huma bhala genituri ghamlu rapport l-ghassa u infethet kawza l-Qorti minhabba li kien hemm theddid lill-mara tieghu.

Kien hemm qbil li ghandu jsir appuntament mas-Sur Victor Galea Principal tal-kullegg ta' Ghawdex dwar il-futur tal-iskola Primarja Gharb.

Il-Kunsill qabel li f'dan l-istadju ghandha tintalab il-laqgha mall-principal u possibilment issir ghada l-Hamis ghal-12pm.

## 7.0 Skeda ta' Pagamenti

7.1 Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda tal-Pagamenti.

## 8.0 Korrispondenza u materji ohra

8.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsilliera kienu gew imsejha ghal-laqgha precedenti sabiex jigu approvati l-financial statements pero' din kellha tithassar minhabba li kien hemm xi diskrepanzi fihom. Huwa ta' spjegazzjoni ta' x'kienu jinkludu. Is-Sindku innota lill-Kunsill li kienet inharget fil-medja lokali li l-Kunsill ta' l-Gharb kien wiehed minn numru ta' Kunsilli li kien tard sabiex jipprezenta l-financial statements mad-data stipulata. Ta' min jinnota' pero' li din grat minhabba li l-audit sar tard u dawn waslu tard ghand il-Kunsill. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel mall-financial statements u qabel ukoll li ghandha tinhareg stqarrija.

8.2 Minghand il-MEPA fir-rigward ta' Applikazzjoniji gdida bin-numru PA0178/16.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

8.3 Minghand l-Assocjazzjoni Internazzjoni ta' l-Infiorata fejn dawn bghatu applikazzjoni lill-Kunsill biex ikun membru fiha. Il-Kunsill qabel li ghandu jidhol membru f'din l-assocjazzjoni.

8.4 Gie spjegat li fir-rigward ta' Sqaq ta' fejn il-kazin tal-banda u t-tieni sqaq fi Triq Frangisk Portelli ser isirilhom xoghol fejn l-iskavazzjoni ser issir min-naha tal-Kunsill Lokali filwaqt li l-wicc ser isir min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandhom jsiru dawn l-isqaqien u l-wicc jista' jsir bi stencil jew xi haga simili.

8.5 Fir-rigward tal-kontijiet pendenti tad-dawl u ilma tal-latrina ta' Triq ta' Pinu, l-Kunsill gie infurmat li saret laqgha mall-Ministru ghal Ghawdex fejn sar qbil li dawn ihallsu l-kontijiet pendenti kollha s'issa u wara l-kontijiet jigu trasferiti ghan-nom tal-Kunsill.

8.6 Emanuel Muscat qal li gie avvicinat minn Residenti Zahra ta' 24, Triq l-Isqof M. Molina fejn dawn talbu sabiex in-nicca ta' mall-faccata issir bid-dawl kif saru l-ohrajn. Kien spjegat li din il-familja kienet giet avvicinata sabiex isirilha restarw u anke sistema tal-elettriku gdid meta sar il-progett tan-nicec pero' dawn kienu irrifjutaw. Il-Kunsill qabel li meta jkun possibli din it-talba ghandha tigi milqugha.

8.7 Il-Vici Sindku qalet li giet avvicinata minn residenti fejn dawn talbu sabiex il-bus tad-Dwejra tghaddi minn gewwa l-Gharb. Il-Kunsill qabel li ghandha tinkiteb ittra lit-Transport Malta fejn issir talba biex dan is-servizz jghaddi minn Triq il-Vizitazzjoni biex jigbor lin-nies tal-lokalita'.

8.8 Anthony Camilleri gibed l-attenzjoni li fi Triq l-Gharb hemm problema kbira minhabba l-buses u mini-buses li qeghdin jipparkjaw f'din iz-zona. Gie innotat li xi drabi dawn qed ikunu ipparkjati anke kontra l-linja u t-traffiku qieghed jehel.

8.9 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-laqgha li ser issir fil-portugal mas-Sindku ta' Penela ser issir fl-4 ta' Gunju fid-9am u din ser tkun biss ghall-Kunsilliera u mhux ghan-nies li ser ikunu qed jippartecipaw f'din iz-zjara. Fir-rigward ta' l-ilbies ser jigu infurmat iktar 'il quddiem.

## 9.0 Aggornament

9.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm l-Erbgha 15 ta' Gunju, 2016.

9.2 Il-laqgha spiccat hin 4.06pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius<br>Sindku | Emily Amatulli-Depasquale<br>Segretarju Ezekuttiv |